Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0170

L-effetti negattivi relatati mal-kummerċ tal-kapaċità żejda globali fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta’ Mejju 2026 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza l-effetti negattivi relatati mal-kummerċ tal-kapaċità żejda globali fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni (COM(2025)0726 – C10-0245/2025 – 2025/0726(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0726),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0245/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-23 ta’ April 2026, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A10-0012/2026),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-

Kunsill u tal-Kummissjoni annessa ma’ din ir-riżoluzzjoni, li se tiġi ppubblikata fis-serje C ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P10_TC1-COD(2025)0726

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tad-19 ta' Mejju 2026 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jindirizza l-effetti negattivi relatati mal-kummerċ tal-kapaċità żejda globali fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2170

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2026/1384.)

Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar l-importazzjoni ta’ prodotti tal-azzar mir-Russja

Mill-bidu tal-gwerra, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ħadu miżuri bla preċedent biex inaqqsu d-dipendenzi ekonomiċi fuq ir-Russja u biex jaħdmu biex jiżguraw li l-attività ekonomika tal-Unjoni ma tikkontribwix għas-sostenn tal-isforz tal-gwerra tar-Russja.

f’dawn il-miżuri naqqsu b’mod sinifikanti l-flussi kummerċjali f’firxa wiesgħa ta’ setturi, inkluż l-azzar, aċċelleraw id-diżakkoppjament u kkontribwew għar-reżiljenza tal-Unjoni, filwaqt li wrew ukoll il-kapaċità tal-Unjoni li taġixxi b’mod magħqud u deċiżiv meta l-valuri u l-interessi strateġiċi tagħha jkunu f’riskju.

Fl-istess ħin, l-Unjoni jeħtiġilha tibqa’ attenta għal dawk l-oqsma fejn id-dipendenzi jippersistu, b’mod partikolari fir-rigward ta’ ċerti prodotti tal-azzar li l-importazzjoni tagħhom għadha mhijiex ipprojbita għalkollox.

B’mod partikolari, xi importazzjonijiet limitati li joriġinaw mir-Russja jkomplu fis-settur tal-azzar sat-30 ta’ Settembru 2028, f’konformità mal-arranġamenti tranżizzjonali stabbiliti fil-miżuri restrittivi rilevanti adottati mill-Kunsill[1]. Sabiex tiġi żgurata diversifikazzjoni progressiva u kostanti, dawn l-importazzjonijiet huma limitati bi kwoti b’volumi li jonqsu kull sena.

Filwaqt li jfakkru fil-qafas istituzzjonali applikabbli għall-miżuri restrittivi, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jenfasizzaw li l-miżuri restrittivi rilevanti adottati mill-Kunsill jirfdu trajettorja lejn eliminazzjoni gradwali sħiħa tal-importazzjonijiet li fadal tal-prodotti tal-azzar Russi, b’mod partikolari ċ-ċangaturi tal-azzar, sat-30 ta’ Settembru 2028.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta’ Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/512/oj) u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta’ Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/833/oj).